

Brussell, 14 ta' Lulju 2026  
(OR. en)

11910/26  
ADD 1

ENV 948  
CLIMA 397  
FORETS 109  
AGRI 594  
RELEX 1015  
DELECT 116

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

|                   |                                                                                                                                                                                                                       |
|-------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                             |
| data meta waslet: | 13 ta' Lulju 2026                                                                                                                                                                                                     |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                            |
| Nru dok. Cion:    | C(2026) 4920 final - Annex                                                                                                                                                                                            |
| Suġġett:          | ANNESS<br>tar-<br>REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...<br>li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' komoditajiet rilevanti u prodotti rilevanti |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 4920 final - Annex.

Mehmuż: C(2026) 4920 final - Annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 13.7.2026  
C(2026) 4920 final

ANNEX

ANNESS

*tar-*

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-  
rigward tal-lista ta' komoditajiet rilevanti u prodotti rilevanti**

{SWD(2026) 194 final}

## ANNESS

It-tabella fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/1115 hija emendata kif ġej:

- (1) fil-kolonna, “Komodità rilevanti”, tiżdied in-nota (1) tat-tabella li ġejja wara l-entrata “Bhejjem tal-ifrat”:

“(1) Dan ir-Regolament japplika biss għall-bejjem tal-ifrat tal-ġeneru *Bos* u s-subġeneri tiegħu: *Bos*, *Bibos*, *Novibos*, u *Poephagus* li jaqgħu taħt is-subintestaturi 0102 21 u 0102 29. Ma japplikax għall-buflu (ġeneru *Syncerus*) jew għall-biżonti (ġeneru *Bison*) jew kwalunke annimal bovin ħaj ieħor.”;
- (2) fil-kolonna, “Komodità rilevanti”, tiżdied in-nota (2) tat-tabella li ġejja wara l-entrata “Żejt tal-palm”:

“(2) Dan ir-Regolament japplika għaż-żejt tal-palm tal-*Elaeis* spp. (inkluż l-*Elaeis guineensis*). Ma japplikax għaż-żejt babassu mill-ġeneru *Attalea* spp. (inkluż l-*Attalea speciosa*) u żjut veġetali oħrajn minn speċijiet ta’ siġar tal-palm oħrajn.”;
- (3) fil-kolonna, “Komodità rilevanti”, tiżdied in-nota (3) tat-tabella li ġejja wara l-entrata “Lastiku”:

“(3) Dan ir-Regolament japplika għal-lastiku tal-*Hevea brasiliensis*. Ma japplikax għall-balata, il-guttaperka, il-gwajul, is-sapodilja jew il-lastiku naturali simili prodott minn speċijiet oħrajn u għall-prodotti tal-lastiku sintetiku.”;
- (4) fil-kolonna, “Komodità rilevanti”, tiżdied in-nota (4) tat-tabella li ġejja wara l-entrata “Injam”:

“(4) Dan ir-Regolament ma japplikax għall-bambù, il-kannadindja u materjali oħra ta’ natura tal-injam u għalhekk ma japplikax ukoll għall-prodotti rilevanti elenkati taħt il-komodità rilevanti “Injam” sakemm daww il-prodotti jkun magħmula mill-bambù, mill-kannadindja u minn materjali oħra ta’ natura tal-injam.”.
- (5) fil-kolonna, “Prodotti rilevanti”, tiżdied in-nota (5) tat-tabella li ġejja fl-intestatura “Prodotti rilevanti”:

“(5) Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

  - (a) Kampjuni ta’ prodotti, li huma ta’ valur u kwantità negliġibbli u li jistgħu jiġu kkunsmati jew użati biss biex jintalbu ordnijiet għal oġġetti tat-tip li jirrappreżentaw bil-kundizzjoni li l-mod ta’ preżentazzjoni u l-kwantità, għal prodotti tal-istess tip jew kwalità, jeskludu l-konsum jew l-użu tiegħu għal kwalunkwe skop għajr dak li jintalbu ordnijiet;
  - (b) Prodotti li jridu jsirulhom eżami, analiżi jew testijiet biex tiġi stabbilita l-kompożizzjoni, il-kwalità jew karatteristiċi tekniċi oħra tagħhom għal finijiet ta’ informazzjoni jew riċerka industrijali jew kummerċjali bil-kundizzjoni li l-prodotti li jridu jiġu analizzati, eżaminati jew ittestjati jintużaw kompletament jew jinqerdu

matul l-eżami, l-analiżi jew l-ittestjar, jew jinżammu jew jiġu ritornati għall-ebda raġuni jew fini oħra ħlief għall-konformità mal-obbligi legali jew kuntrattwali relatati mal-eżami, l-analiżi jew l-ittestjar.”;

(6) Il-kolonna “Prodotti rilevanti” hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata “0102 21, 0102 29 Bhejjem tal-ifrat ħajjin” hija sostitwita b’dan li ġej:  
“ex 0102 Bhejjem tal-ifrat ħajjin”;

(b) wara l-entrata “ex 0206 10 Ġewwieni li jittiekel tal-bhejjem tal-ifrat, frisk jew imkessaħ”, tiddaħħal l-entrata li ġejja:  
“ex 0206 21 00 Ilsna tal-bhejjem tal-ifrat iffriżati”;  
*(Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta’ Diċembru 2027)*

(c) l-entrati “ex 4101 Ġlud grezzi tal-bhejjem tal-ifrat (friski, jew immellħin, imnixxfen, ittrattati bil-ġir, piklati jew ippreservati b’mod ieħor, iżda mhux ikkonzati, ipparċminati jew ippreparati mod ieħor), kemm jekk imxerrġa jew bix-xagħar imneħħi kemm jekk le”, “ex 4104 Ġlud ikkonzati jew “in crust” tal-bhejjem tal-ifrat, imġiżża, kemm dawk imxerrġa kif ukoll dawk li mhumieq, iżda mhux ippreparati mod ieħor” u “ex 4107 Ġilda tal-bhejjem tal-ifrat, li nġhatat aktar trattament wara l-ikkonzar u l-crusting, din tinkludi l-ġilda pparċminata, imġiżża, kemm dawk imxerrġa kif ukoll dawk li mhumieq, ħlief ġilda tal-intestatura 4114” jitħassru;

(d) wara l-entrata “1802 Fosdoq tal-kawkaw, ħliefa, qxur u skart ieħor tal-kawkaw” jiżdied it-test li ġej:  
“(mhux inkluż l-iskart kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (1), tad-Direttiva 2008/98/KE)”;

(e) wara l-entrata “0901 Kafè, kemm jekk inkaljat jew dekafeinat u kemm jekk le; ħliefa u qxur tal-kafè; sostituti tal-kafè li jkun fihom kafè fi kwalunkwe proporzjon” tiddaħħal l-entrata li ġejja:  
“2101 11 00 Estratti, essenzi u konċentrati oħrajn, tal-kafè”;  
*(Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta’ Diċembru 2027)*

(f) l-entrati “1207 10 Ġewż tal-palm u l-qlub tagħhom”, “1511 Żejt tal-palm u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat u kemm jekk le, iżda mhux modifikat kimikament”, “1513 21 Żejt grezz tal-lewż tal-palm u żejt babassu u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux modifikati kimikament” u “1513 29 Żejt tal-lewż tal-palm u żejt babassu u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux

modifikati kimikament (bl-esklużjoni ta' żejt grezz)" huma sostitwiti b'dan li ġej:

“ex 1207 10 00 Ġewż tal-palm u l-qlub tagħhom

ex 1511 Żejt tal-palm u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat u kemm jekk le, iżda mhux modifikat kimikament

(mhux inkluż l-iskart kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (1), tad-Direttiva 2008/98/KE)

ex 1513 21 Żejt grezz tal-lewż tal-palm u żejt babassu u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux modifikati kimikament

(mhux inkluż l-iskart kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (1), tad-Direttiva 2008/98/KE)

ex 1513 29 Żejt tal-lewż tal-palm u żejt babassu u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, għajr iż-żejt grezz, iżda mhux modifikati kimikament

(mhux inkluż l-iskart kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (1), tad-Direttiva 2008/98/KE”;

- (g) wara l-entrata “ex 1513 29 Żejt tal-lewż tal-palm u żejt babassu u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, għajr iż-żejt grezz, iżda mhux modifikati kimikament”, jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:

“ex 1516 20 Żjut tal-palm, żejt tal-palm u tal-babassu u l-frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew kompletament idroġenati, interesterifikati, riesterifikati jew elajdinizzati, raffinati jew le, iżda mhux preparati aktar

(mhux inklużi l-prodotti sakemm huma użati fil-manifattura tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, jew tar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>)

*(Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta' Diċembru 2027)*

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67, <http://data.europa.eu/eli/dir/2001/83/oj>).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/726/oj>).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/6/oj>).

ex 1518 00 Żjut tal-palm, żejt tal-palm u tal-babassu u l-frazzjonijiet tagħhom, mgħollijin, ossidizzati, deidrati, sulfurizzati, minfuħin, polimerizzati bis-sħana ġewwa vakwu jew ġewwa gass inerti jew modifikati kimikament mod ieħor, ħlief dawk tal-intestatura 1516; taħlitiet jew preparati li ma jittiklux tax-xaħmijiet jew taż-żjut tal-annimali, veġetali jew mikrobiċi jew tal-frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut differenti ta' dan il-Kapitolu, li fihom jew li saru bl-użu taż-żejt tal-palm

(mhux inkluż l-iskart kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (1), tad-Direttiva 2008/98/KE)

*(Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta' Diċembru 2027)*

ex 1520 00 Gliċerol grezz; ilmijiet u lissiji tal-gliċerol li ġew prodotti bl-użu taż-żejt tal-palm”;

*(Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta' Diċembru 2027)”;*

- (h) l-entrata “2306 60 Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn tal-ġewż tal-palm jew il-qlub tagħhom, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni tal-ġewż tal-palm jew xaħmijiet jew żjut tal-qlub tagħhom” hija sostitwita b'dan li ġej:

“ex 2306 60 00 Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn tal-ġewż tal-palm jew il-qlub tagħhom, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni tal-ġewż tal-palm jew xaħmijiet jew żjut tal-qlub tagħhom”;

- (i) wara l-entrata “ex 2306 60 00 Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn tal-ġewż tal-palm jew il-qlub tagħhom, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni tal-ġewż tal-palm jew xaħmijiet jew żjut tal-qlub tagħhom” jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:

“ex 2905 16 Ottanol (alkoħol ottiliku) u isomeri tiegħu, li ġew sintetizzati bl-użu taż-żejt tal-palm

*(Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta' Diċembru 2027)*

ex 2905 17 00 Dodekan-1-ol (alkoħol lawriku), eżadekan-1-ol (alkoħol ċetiliku) u ottadekan-1-ol (alkoħol steariliku), li ġew sintetizzati bl-użu taż-żejt tal-palm

(mhux inklużi l-prodotti sakemm huma użati fil-manifattura tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE, tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 jew tar-Regolament (UE) 2019/6)

*(Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta' Diċembru 2027)*

ex 2905 19 00 Alkoħols monoidriċi mhux saturati oħrajn, mhux speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor, li ġew sintetizzati bl-użu taż-żejt tal-palm

*(Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta' Diċembru 2027)";*

- (j) l-entrata “ex 2905 45 Gliċerol, b’purità ta’ 95 % jew aktar (ikkalkolat fuq il-piż tal-prodott niexef)” hija sostitwita b’dan li ġej:

“ex 2905 45 Gliċerol, b’purità ta’ 95 % jew aktar (ikkalkolat fuq il-piż tal-prodott niexef), li ġie sintetizzat bl-użu taż-żejt tal-palm

(mhux inklużi l-prodotti sakemm huma użati fil-manifattura tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE, tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 jew tar-Regolament (UE) 2019/6)

- (k) wara l-entrata “ex 2905 45 Gliċerol, b’purità ta’ 95 % jew aktar (ikkalkolat fuq il-piż tal-prodott niexef), li ġie sintetizzat bl-użu taż-żejt tal-palm”, tiddaħħal l-entrata li ġejja:

“ex 2915 39 Esteri tal-aċidu aċetiku, għajr aċetat etiliku, aċetat tal-vinil, aċetat n-butiliku u aċetat tad-dinoseb (ISO), li ġew sintetizzati bl-użu taż-żejt tal-palm

*(Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta' Diċembru 2027)";*

- (l) l-entrata “2915 70 Aċidu palmitiku, aċidu steariku, l-imlieħ u l-esteri tagħhom” hija sostitwita b’dan li ġej:

“ex 2915 70 Aċidu palmitiku, aċidu steariku, imlieħ u ester tagħhom li ġew sintetizzati bl-użu taż-żejt tal-palm

(mhux inklużi l-prodotti sakemm huma użati fil-manifattura tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE, tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 jew tar-Regolament (UE) 2019/6)”;

- (m) l-entrata “2915 90 aċidi monokarbossiliċi aċikliċi saturati u l-anidridi, l-aloġenuri, il-perossidi u l-perossiaċidi tagħhom; u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom (eskluż l-aċidu formiku, l-aċidu aċetiku, l-aċidi mono-, di- jew trikloroaċetiċi, l-aċidu propjoniku, l-aċidi butanojċi, l-aċidi pentanojċi, l-aċidu palmitiku, l-aċidu steariku, l-imlieħ u l-esteri tagħhom, u l-anidride aċetika)” hija sostitwita b’dan li ġej:

“ex 2915 90 Aċidi monokarbossiliċi aċikliċi mhux saturati, aċidi monokarbossiliċi ċikliċi, anidridi, aloġenuri, perossidi u perossiaċidi tagħhom; derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom, għajr aċidu formiku, imlieħ u ester tagħu, aċidu aċetiku u mlieħ tagħu; anidride aċetiku, ester ta’ aċidu aċetiku, aċti mono-, di- jew trikloroaċetiċi, imlieħ u ester tagħhom, aċtu propjoniku, imlieħ u ester tagħu li ġew sintetizzati bl-użu taż-żejt tal-palm, aċti butanojċi, aċti pentanojċi, imlieħ u ester tagħhom, u aċidu

palmitiku, aċidu steariku, imlieh u ester tagħhom, li ġew sintetizzati bl-użu taż-żejt tal-palm

(mhux inklużi l-prodotti sakemm huma użati fil-manifattura tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE, tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 jew tar-Regolament (UE) 2019/6);

- (n) wara l-entrata “ex 2915 90 Aċidi monokarbossilici aċikliċi mhux saturati, aċidi monokarbossilici ċikliċi, anidridi, aloġenuri, perossidi u perossiaċidi tagħhom; derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom, għajr aċidu formiku, imlieh u ester tiegħu, aċidu aċetiku u mlieh tiegħu; anidride aċetiku, ester ta' aċidu aċetiku, aċti mono-, di- jew trikloroaċetiċi, imlieh u ester tagħhom, aċtu propjoniku, imlieh u ester tiegħu li ġew sintetizzati bl-użu taż-żejt tal-palm, aċti butanojċi, aċti pentanojċi, imlieh u ester tagħhom, u aċidu palmitiku, aċidu steariku, imlieh u ester tagħhom, li ġew sintetizzati bl-użu taż-żejt tal-palm” jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:

“ex 2916 15 Aċidi olejċi, lonolejċi u linoleniċi, imlieh u ester tagħhom li ġew sintetizzati bl-użu taż-żejt tal-palm

*(Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta' Diċembru 2027)*

ex 2916 19 10 Aċidi undeċenojċi u mlieh u ester tagħhom li ġew sintetizzati bl-użu taż-żejt tal-palm

*(Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta' Diċembru 2027)*

ex 2921 19 Monoammini aċikliċi u derivattivi tagħhom; imlieh tagħhom, għajr metilammina, di- jew trimetilammina u mlieh tagħhom, 2-(N,N-dimetilammino)etilklorur kloridrat, 2-(N,N-dietilammino)etilklorur kloridrat u 2-(N,N-diisopropilammino)etilklorur kloridrat, li ġew sintetizzati bl-użu taż-żejt tal-palm

(mhux inklużi l-prodotti sakemm huma użati fil-manifattura tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE, tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 jew tar-Regolament (UE) 2019/6)

*(Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta' Diċembru 2027)*

ex 2923 90 00 Imlieh u idrossidi ta' ammonju kwaternarju, għajr kolina u mlieh tagħha, sulfonat tal-perfluworoottan tat-tetraetilammonju u sulfonat tal-perfluworoottan tad-dideċildimetilammonju, li ġew sintetizzati bl-użu taż-żejt tal-palm

(mhux inklużi l-prodotti sakemm huma użati fil-manifattura tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE, tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 jew tar-Regolament (UE) 2019/6)



*(Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta' Diċembru 2027)*

ex 2924 19 00 Ammidi aċikliċi, karbamati aċikliċi u mliegħ tagħhom, għajr meprobamat (INN), fluoroacetamide (ISO), monocrotophos (ISO) u phosphamidon (ISO), li għew sintetizzati bl-użu taż-żejt tal-palm

(mhux inklużi l-prodotti sakemm huma użati fil-manifattura tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE, tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 jew tar-Regolament (UE) 2019/6)

*(Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta' Diċembru 2027)*

ex 3401 11 00 Sapun fil-forma ta' sapuna jew biċċiet iffurmati għall-użu tat-twaletta (inkluż prodotti medikati), li fihom jew li saru bl-użu taż-żejt tal-palm

*(Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta' Diċembru 2027)*

(mhux inklużi l-prodotti sakemm huma użati fil-manifattura tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE, tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 jew tar-Regolament (UE) 2019/6)

ex 3401 20 Sapun f'forom għajr fil-forma ta' sapuna jew biċċiet iffurmati, li fihom jew li saru bl-użu taż-żejt tal-palm

*(Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta' Diċembru 2027)";*

- (o) l-entrata "3823 11 Aċidu steariku, industrijali" hija sostitwita b'dan li ġej:  
"ex 3823 11 00 Aċidu steariku, industrijali li għie sintetizzat bl-użu taż-żejt tal-palm  
(mhux inklużi l-prodotti sakemm huma użati fil-manifattura tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE, tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 jew tar-Regolament (UE) 2019/6)";
- (p) l-entrata "3823 12 Aċidu olejku, industrijali" hija sostitwita b'dan li ġej:  
"ex 3823 12 00 Aċidu olejku, industrijali li għie sintetizzat bl-użu taż-żejt tal-palm  
(mhux inklużi l-prodotti sakemm huma użati fil-manifattura tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE, tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 jew tar-Regolament (UE) 2019/6)";

- (q) l-entrata “3823 19 Aċidi grassi monokarbossilici industrijali; żjut tal-aċidu mir-raffinar; (minbarra aċidu steariku, aċidu olejku u aċidi xaħmin tat-tallol)” hija sostitwita b’dan li ġej:

“ex 3823 19 Aċidi grassi monokarbossilici industrijali; żjut tal-aċidu mir-raffinar għajr aċidu steariku, aċidu olejku u aċidi xaħmin tat-tallol, li ġew sintetizzati bl-użu taż-żejt tal-palm

(mhux inkluż l-iskart kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (1), tad-Direttiva 2008/98/KE)”;

- (r) l-entrata “3823 70 Alkoħols xaħmin industrijali” hija sostitwita b’dan li ġej:

“ex 3823 70 00 Alkoħols xaħmin industrijali li ġew sintetizzati bl-użu taż-żejt tal-palm”;

- (s) wara l-entrata “ex 3823 70 00 Alkoħols xaħmin industrijali li ġew sintetizzati bl-użu taż-żejt tal-palm”, jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:

“ex 3824 99 Prodotti u preparazzjonijiet kimiċi oħrajn tal-industrija kimiċi jew dawk li għandhom x’jaqsmu magħhom (inkluż dawk li jikkonsistu minn taħlitiet ta’ prodotti naturali), li mhumiex speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor, li fihom iż-żejt tal-palm jew li saru bl-użu tiegħu

(mhux inklużi l-prodotti sakemm huma użati fil-manifattura tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE, tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 jew tar-Regolament (UE) 2019/6)

*(Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta’ Diċembru 2027)*

ex 3907 29 Polieteri oħra fil-forom primarji, għajr metilfosfonat tal-bis(poliossietilen), li saru bl-użu taż-żejt tal-palma

(mhux inklużi l-prodotti sakemm huma użati fil-manifattura tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE, tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 jew tar-Regolament (UE) 2019/6)

*(Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mit-30 ta’ Diċembru 2027)”;*

- (t) l-entrata “4001 Lastiku naturali, balatá, guttaperka, guayule, chicle u gomom naturali simili, fil-forom primarji jew fi pjanċi, folji jew strixxi” hija sostitwita b’dan li ġej:

“ex 4001 Lastiku naturali, balatá, guttaperka, guayule, chicle u gomom naturali simili, fil-forom primarji jew fi pjanċi, folji jew strixxi”;

- (u) wara l-entrata “ex 4008 Pjanċi, folji, vireg u forom profilati, tal-lastiku vulkanizzat għajr lastiku iebes”, jiżdied il-kliem li ġej, jiżdied it-test li ġej:

“(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)”;

- (v) l-entrata “ex 4010 Conveyor belts u belts tat-trażmissjoni jew conveyor belting u belting tat-trażmissjoni, tal-lastiku vulkanizzat” titħassar.
- (w) l-entrata “ex 4012 Tajers pnevmatiċi tal-lastiku riġenerati jew użati; tajers solidi jew kuxin, l-uċuħ tat-tajers u l-flaps tat-tajers, tal-lastiku”, hija sostitwita b’dan li ġej:  
 “ex 4012 90 30 Uċuħ tat-tajers”;
- (x) wara l-entrata “ex 4015 Oġġetti tal-ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ (inkluż ingwanti, mittens u mitts), għall-finijiet kollha, tal-lastiku vulkanizzat għajr lastiku iebes”, jiżdied it-test li ġej:  
 “(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)”;
- (y) l-entrata “ex 4016 Oġġetti oħra tal-lastiku vulkanizzat għajr lastiku iebes, li mhumiex speċifikati xi mkien ieħor fil-kapitolu 40” titħassar.
- (z) wara l-entrata “ex 4017 Lastiku iebes (pereżempju l-ebonit) fil-forom kollha inkluż skart u laqx; oġġetti tal-lastiku iebes”, jiżdied it-test li ġej:  
 “(mhux inkluż l-iskart kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (1), tad-Direttiva 2008/98/KE)  
 (mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)”;
- (aa) l-entrata “1201 Fażola tas-sojja, kemm jekk imkissra u kemm jekk le” titħassar u hija sostitwita b’dan li ġej:  
 “1201 90 00 Fażola tas-sojja, kemm jekk imkissra u kemm jekk le: oħrajn”
- (bb) l-entrata “4401 Qabs, fil-forma ta’ zkuk, qatgħat ta’ zkuk, friegħi, qatet jew forom simili; injam f’laqx jew partikuli; serratura u skart u laqx tal-injam, kemm jekk agglomerati fil-forma ta’ zkuk, briquettes, pellets jew forom simili, kif ukoll jekk le” hija sostitwita b’dan li ġej:  
 “ex 4401 Qabs, fil-forma ta’ zkuk, qatgħat ta’ zkuk, friegħi, qatet jew forom simili; injam f’laqx jew partikuli; serratura u skart u laqx tal-injam, kemm jekk agglomerati fil-forma ta’ zkuk, briquettes, pellets jew forom simili  
 (mhux inkluż l-iskart kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (1), tad-Direttiva 2008/98/KE)  
 (mhux inklużi l-materjal tal-ippakkjar li jintuża darba biss u l-kontenituri tal-ippakkjar użati esklużivament biex jappoġġaw, jipproteġu jew iġorru prodott ieħor li jitqiegħed fis-suq jew esportat u ppreżentat ma’ dak il-prodott)”;

- (cc) l-entrata “4402 Karbonju tal-injam (inkluż karbonju tal-qxur jew tal-ġewż), agglomerat jew le” hija sostitwita b’dan li ġej:  
 “ex 4402 Karbonju tal-injam (inkluż karbonju tal-qxur jew tal-ġewż), agglomerat jew le”;
- (dd) l-entrata “4403 Injam grezz, kemm jekk bil-qoxra jew bl-ilbieba mneħħija jew le, jew maqtuġh kwadru raff” hija sostitwita b’dan li ġej:  
 “ex 4403 Injam grezz, kemm jekk bil-qoxra jew bl-ilbieba mneħħija jew le, jew maqtuġh kwadru raff  
 (mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)”;
- (ee) l-entrata “4404 Injam għaċ-ċrieki; arbli mxerrħa; puntali, pali u bsaten tal-injam, bil-ponta iżda mhux issegati għat-tul; stiekek tal-injam, mirqumin raff iżda mhux inturnjati, milwijn jew maħdumin mod ieħor, tajbin għall-manifattura tal-bsaten għall-mixi, umbrelel, mankijiet tal-ġhodod jew bħalhom; chipwood u simili” hija sostitwita b’dan li ġej:  
 “ex 4404 Injam għaċ-ċrieki; arbli mxerrħa; puntali, pali u bsaten tal-injam, bil-ponta iżda mhux issegati għat-tul; stiekek tal-injam, mirqumin raff iżda mhux inturnjati, milwijn jew maħdumin mod ieħor, tajbin għall-manifattura tal-bsaten għall-mixi, umbrelel, mankijiet tal-ġhodod jew bħalhom; chipwood u simili  
 (mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)”;
- (ff) l-entrata “4405 Fibri tal-injam; dqiq tal-injam” hija sostitwita b’dan li ġej:  
 “ex 4405 Fibri tal-injam; dqiq tal-injam  
 (mhux inklużi l-materjal tal-ippakkjar li jintuża darba biss u l-kontenituri tal-ippakkjar użati esklużivament biex jappoġġaw, jipproteġu jew iġorru prodott ieħor li jitqiegħed fis-suq jew esportat u preżentat ma’ dak il-prodott)”;
- (gg) l-entrata “4406 Traversi (cross-ties) tal-injam għal-linji tal-ferrovija jew tat-tramm” hija sostitwita b’dan li ġej:  
 “ex 4406 Traversi (cross-ties) tal-injam għal-linji tal-ferrovija jew tat-tramm  
 (mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)”;
- (hh) l-entrata “4407 Injam issegat jew imlaqqax għat-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatlat jew bit-truf ġonġuti, ta’ ħxuna li taqbeż is-6 mm” hija sostitwita b’dan li ġej:  
 “ex 4407 Injam issegat jew imlaqqax għat-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatlat jew bit-truf ġonġuti, ta’ ħxuna li taqbeż is-6 mm  
 (mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)”;

- (ii) l-entrata “4408 Folji għall-fuljetta (inkluż dawk magħmulin bit-tiflil ta’ injam laminat), għall-plywood jew għal injam simili laminat u injam ieħor, issegat għat-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat, xkatlat, impalellat jew bit-truf ġonġuti, ta’ ħxuna li ma taqbiżx is-6 mm” hija sostitwita b’dan li ġej:
- “ex 4408 Folji għall-fuljetta (inkluż dawk magħmulin bit-tiflil tal-injam laminat), għall-plywood jew għal injam simili laminat u injam ieħor, issegat għattul, imfellel jew imqaxxar, inċanat, xkatlat, impalellat jew bit-truf ġonġuti, ta’ ħxuna li ma taqbiżx is-6 mm”;
- (jj) l-entrata “4409 Injam (inkluż strixxi u freġji għall-kisi tal-art bil-parquet, mhux assemblati) iffurmat b’mod kontinwu (b’minċott raġel, b’minċott mara, b’ħanek maqtuġh, iċċanfrinat, bi skanalatura-V, bil-gula, iffurmat, ittundjat jew simili) tul kwalunkwe xifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew bit-truf ġonġuti jew le” hija sostitwita b’dan li ġej:
- “ex 4409 Injam (inkluż strixxi u freġji għall-kisi tal-art bil-parquet, mhux assemblati) iffurmat b’mod kontinwu (b’minċott raġel, b’minċott mara, b’ħanek maqtuġh, iċċanfrinat, bi skanalatura-V, bil-gula, iffurmat, ittundjat jew simili) tul kwalunkwe xifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew bit-truf ġonġuti jew le
- (mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)”;
- (kk) l-entrata “4410 Particle board, oriented strand board (OSB) u board simili (pereżempju waferboard) tal-injam jew ta’ materjali oħrajn mill-injam, kemm jekk agglomerati bir-rażi jew sustanzi leganti organiċi oħrajn u kemm jekk le” hija sostitwita b’dan li ġej:
- “ex 4410 Particle board, oriented strand board (OSB) u board simili (eż. waferboard) tal-injam jew ta’ materjali oħrajn mill-injam, kemm jekk agglomerati bir-rażi jew sustanzi leganti organiċi oħrajn u kemm jekk le
- (mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)”;
- (ll) l-entrata “4411 Fibreboard tal-injam jew materjali oħrajn mill-injam, magħqudin bir-rażi jew b’sustanzi organiċi oħrajn jew le” hija sostitwita b’dan li ġej:
- “ex 4411 Fibreboard tal-injam jew materjali oħrajn mill-injam, magħqudin bir-rażi jew b’sustanzi organiċi oħrajn jew le
- (mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)”;
- (mm) l-entrata “4412 Plywood, pannelli miksijin bil-fuljetta u injam laminat bħalhom” hija sostitwita b’dan li ġej:
- “ex 4412 Plywood, pannelli miksijin bil-fuljetta u injam laminat bħalhom
- (mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)”;

- (nn) l-entrata “4413 Injam densifikat, fi blokok, folji, strixxi jew forom profilati”  
hija sostitwita b’dan li ġej:  
“ex 4413 Injam densifikat, fi blokok, folji, strixxi jew forom profilati  
(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)”;
- (oo) l-entrata “4414 Gwarniċi tal-injam għal pitturi, ritratti, mirja u oġġetti simili”  
hija sostitwita b’dan li ġej:  
“ex 4414 Gwarniċi tal-injam għal pitturi, ritratti, mirja u oġġetti simili  
(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)”;
- (pp) l-entrata “4415 Cases għall-ippakkjar, kaxxi, ċestuni, ċilindri u pakki simili,  
tal-injam; rombli tal-injam tal-kejbils; pallets, pallets tal-kaxxi u boards oħrajn  
tat-tagħbija, tal-injam; pallet collars tal-injam  
(mhux inkluż materjal tal-ippakkjar użat esklużivament bħala materjal tal-  
ippakkjar biex jappoġġa, jipproteġi jew iġorr prodott ieħor introdott fis-suq.)”  
hija sostitwita b’dan li ġej:  
“ex 4415 Cases għall-ippakkjar, kaxxi, ċestuni, ċilindri u pakki simili, tal-  
injam; rombli tal-injam tal-kejbils; pallets, pallets tal-kaxxi u boards oħrajn tat-  
tagħbija, tal-injam; pallet collars tal-injam  
(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)  
(mhux inklużi l-materjal tal-ippakkjar li jintuża darba biss u l-kontenituri tal-  
ippakkjar użati esklużivament biex jappoġġaw, jipproteġu jew iġorru prodott  
ieħor li jitqiegħed fis-suq jew esportat u ppreżentat ma’ dak il-prodott)  
(mhux inklużi l-materjal tal-ippakkjar u l-kontenituri tal-ippakkjar li huma  
adattati b’mod ċar għal użu ripetittiv użati esklużivament biex jappoġġaw,  
jipproteġu jew iġorru prodott ieħor li jitqiegħed fis-suq jew esportat u  
ppreżentat ma’ dak il-prodott mill-mument li jintużaw għal tali skop u ’l  
quddiem)”;
- (qq) l-entrata “4416 Btieti, ċilindri, vats, tnelli u prodotti tal-buttara oħrajn u  
partijiet tagħhom, tal-injam, inkluż l-injam imqawwes (staves)” hija sostitwita  
b’dan li ġej:  
“ex 4416 Btieti, ċilindri, vats, tnelli u prodotti tal-buttara oħrajn u parts  
tagħhom, tal-injam, inkluż l-injam imqawwes (staves)  
(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)  
(mhux inklużi l-materjal tal-ippakkjar li jintuża darba biss u l-kontenituri tal-  
ippakkjar użati esklużivament biex jappoġġaw, jipproteġu jew iġorru prodott  
ieħor li jitqiegħed fis-suq jew esportat u ppreżentat ma’ dak il-prodott)  
(mhux inklużi l-materjal tal-ippakkjar u l-kontenituri tal-ippakkjar li huma  
adattati b’mod ċar għal użu ripetittiv użati esklużivament biex jappoġġaw,  
jipproteġu jew iġorru prodott ieħor li jitqiegħed fis-suq jew esportat u

ppreżentat ma' dak il-prodott mill-mument li jintużaw għal tali skop u 'l quddiem)";

- (rr) l-entrata "4417 Għodod, korpi tal-għodod, mankijiet tal-għodod, xkupi jew xkupilji u l-mankijiet tagħhom, tal-injam; forom ta' bwiez jew żraben, tal-injam" hija sostitwita b'dan li ġej:

"ex 4417 Għodod, korpi tal-għodod, mankijiet tal-għodod, xkupi jew xkupilji u l-mankijiet tagħhom, tal-injam; forom ta' bwiez jew żraben, tal-injam

(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)";

- (ss) l-entrata "4418 Xogħol tal-injam għal bennejja, inkluż pannelli tal-injam ċellulari, pannelli assemblati għall-paviment, shingles u shakes" hija sostitwita b'dan li ġej:

"ex 4418 Xogħol tal-injam għall-bennejja, inkluż pannelli tal-injam ċellulari, pannelli assemblati għall-paviment, shingles u shakes

(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)";

- (tt) l-entrata "4419 Oġġetti tal-mejda u tal-kċina, tal-injam" hija sostitwita b'dan li ġej:

"ex 4419 Oġġetti tal-mejda u tal-kċina, tal-injam

(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)";

- (uu) l-entrata "4420 Intarsjar fl-injam u injam intarsjat; kaxxetti u kaxxi għal ġojjellerija u għall-pożati, u oġġetti bħalhom, tal-injam; statwetti u ornamenti oħrajn, tal-injam; oġġetti tal-injam ta' għamara li ma jaqgħux fil-Kapitolu 94" hija sostitwita b'dan li ġej:

"ex 4420 Intarsjar fl-injam u injam intarsjat; kaxxetti u cases għall-ġojjellerija jew għall-pożati, u oġġetti bħalhom, tal-injam; statwetti u ornamenti oħrajn, tal-injam; oġġetti tal-injam ta' għamara li ma jaqgħux fil-Kapitolu 94

(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)";

- (vv) l-entrata "4421 Oġġetti oħrajn tal-injam" hija sostitwita b'dan li ġej:

"ex 4421 Oġġetti oħrajn tal-injam

(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)";

- (ww) l-entrata "Polpa u karta tal-Kapitoli 47 u 48 tan-Nomenklatura Magħquda, bl-eċċezzjoni ta' prodotti bbażati fuq il-bambù u rkuprati (skart u laqx)" hija sostitwita b'dan li ġej:

"ex 47 Polpa tal-injam

(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)

(mhux inklużi prodotti rkuprati (skart u laqx) u prodotti derivati minn prodotti rkuprati (skart u laqx))

ex 48 Karti u Kartun: Oġġetti tal-polpa tal-karta, tal-karta jew tal-kartun

(mhux inkluż l-iskart kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (1), tad-Direttiva 2008/98/KE)

(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)

(mhux inklużi prodotti rkuprati (skart u laqx) u prodotti derivati minn prodotti rkuprati (skart u laqx))

(mhux inklużi l-materjal tal-ippakkjar li jintuża darba biss u l-kontenituri tal-ippakkjar użati esklużivament biex jappoġġaw, jiproteġu jew iġorru prodott ieħor li jitqiegħed fis-suq jew esportat u ppreżentat ma’ dak il-prodott)

(mhux inklużi l-materjal tal-ippakkjar u l-kontenituri tal-ippakkjar li huma adattati b’mod ċar għal użu ripetittiv użati esklużivament biex jappoġġaw, jiproteġu jew iġorru prodott ieħor li jitqiegħed fis-suq jew esportat u ppreżentat ma’ dak il-prodott mill-mument li jintużaw għal tali skop u ’l quddiem)

(mhux inklużi oġġetti ta’ korrispondenza u materjali għall-kummerċjalizzazzjoni u għall-informazzjoni li jakkumpanjaw esklużivament prodott ieħor li jitqiegħed fis-suq jew esportat, jew fornut bla ħlas għall-finijiet ta’ kummerċjalizzazzjoni jew informazzjoni)”;

(xx) l-entrata “ex 9401 Sits (għajr dawk tal-intestatura 9402), kemm jekk jinbidlu f’sodod jew le, u l-parts tagħhom, tal-injam” tiġhassar u hija sostitwita b’dan li ġej:

“ex 9401 31 00 Sits iduru b’aġġustament ta’ għoli varjabbli, tal-injam

(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)

ex 9401 41 00 Sits għajr is-sits tal-ġnien jew it-tagħmir għall-kampeġġ, li jinbidlu f’sodod, tal-injam

(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)

ex 9401 61 00 Sits oħrajn, bl-oqfsa tal-injam, miksijin bit-tapizzerija

(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)

ex 9401 69 00 Sits oħrajn, bl-oqfsa tal-injam, għajr dawk miksijin bit-tapizzerija

(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)

ex 9401 80 00 Sits oħrajn, tal-injam



(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)

ex 9401 91 90 Parts oħrajn tas-sits, tal-injam

(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)”;

(yy) l-entrata “9403 30, 9403 40, 9403 50, 9403 60 u 9403 91 Għamara tal-injam, u partijiet minnha” hija sostitwita b’dan li ġej:

“ex 9403 30, ex 9403 40, ex 9403 50, ex 9403 60 u ex 9403 91 Għamara tal-injam, u parts tagħha

(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)”;

(zz) l-entrata “9406 10 Bini prefabbrikat tal-injam” hija sostitwita b’dan li ġej:

“ex 9406 10 00 Bini prefabbrikat tal-injam

(mhux inklużi prodotti użati u prodotti second-hand)”;